# ID-DJOĊESI TAGĦNA

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru jaħbat l-anniversarju ta' meta d-Djoċesi t'Għawdex twaqqfet fl-1864. Id-Djoċesi tagħna hija żgħira imma sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha, tat kontribut kbir fil-kamp edukattiv, soċjali u kulturali. Dan ix-xogħol għadu jitwettaq sal-lum.

DJOĊESI TA' GĦAWDEX

Is-sejħa ewlenija ta' kull djoċesi hija li xxandar l-Evanġelju u tlaqqa' lill-bniedem ma' Kristu. San Pawl saħansitra jgħid, "Ħażin għalija jekk ma nxandarx il-Vanġelu". Il-Pjan Pastorali li sawret id-djoċesi tagħna għandu l-impenn li jgħin lill-insara kollha jkunu dejjem iktar midħla u jagħtu iktar prijorità lill-Kelma. Filwaqt li nifirħu fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, aħna l-insara individwalment irridu ngħixu l-mixja tad-djoċesi tagħna billi noqorbu iktar lejn Kristu bit-talb, is-sagramenti, billi nisimgħu l-karba tal-bniedem batut u nżommu l-karità bħala triq privileġġjata tal-Knisja. Il-Kelma tkun kredibbli meta tkun imsieħba bil-karità.

***L-Arċipriet***

***Twenty-fourth Sunday in Ordinary Time (Year C)***

Tax collectors and sinners were all drawing near to listen to Jesus, but the Pharisees and scribes began to complain, saying, "This man welcomes sinners and eats with them." [Luke 15:1-2]

ENGLISH CORNER

**GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL IX-XAHAR TA' SETTEMBRU**

Il-Ħadd 11 ta' Settembru mit-8:00am sas-1:00pm

It-Tlieta 20 ta' Settembru mis-1:00pm sal-5:00pm

Il-Ħadd 25 ta' Settembru mit-8:00am sas-1:00pm

*Il-karta tal-identità u l-maskra huma meħtieġa.*

## AVVIŻI:

**ID-DULURI:** nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru, wara l-quddiesa tal-5:00pm se toħroġ il-purċissjoni tad-Duluri. Kulħadd mistieden.

**BBQ GĦALL-FAMILJI U L-ĦBIEB:** organizzat miż-żgħażagħ taċ-Ċentru nhar il-Ġimgħa 16 ta' Settembru fis-7:30pm, quddiem iċ-Ċentru stess. Is-serata tkun imżewqa b'BBQ, tliet ġokkijiet tombla, mużika u xi logħob ieħor. Il-biljetti jinxtraw sa mhux aktar tard mit-Tlieta 13 ta' Settembru mingħand l-animaturi jew miċ-Ċentru stess. Il-kbar €15 u ż-żgħar €10. Narawkom!

**KORS TAL-BIZZILLA FIN-NADUR:** li se jkun bejn Ottubru u Mejju, darba fil-ġimgħa. Wieħed jista' jagħżel il-ġurnata li jixtieq mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Min hu interessat jista' jinkiteb il-Kunsill t'Għajnsielem bejn it-12 u l-14 ta' Settembru mit-8:00am sa nofsinhar jew inkella online fuq lifelonglearning.gov.mt. Min għandu 'l fuq minn 60 sena bla ħlas. Min għandu inqas minn 60 sena, iħallas €34.94 darba f'sena.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** organizzata mill-Kunsill Lokali, nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru. Aktar dettalji mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**IL-PEDESTALL:** ta' San Pietru u San Pawl intbagħat għar-restawr nhar il-Ħamis 4 t'Awwissu li għadda. Qegħdin naħdmu biex niġbru fondi mill-Ministeru għal Għawdex u benefatturi oħrajn.

**MOŻAJK ĠDID:** nirringrazzjaw lil Marija Portelli li ħadmet możajk ġdid fil-faċċata taċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina. Dan il-mużajk juri l-isem taċ-ċimiterju u hemm ukoll ix-xbieha ta' Kristu mal-kliem. Il-mużajk tħallas mill-familja Pace. Nirringrazzjaw lil Mons. Salv u oħtu Kitty għal din l-għajnuna lill-parroċċa kollha.

**COOKER TAL-GASS:** familja min-Nadur lesta li tagħti cooker tal-gass li għadu f'kundizzjoni tajba. Jekk tafu lil xi familja, speċjalment ta' barranin fil-ħtieġa ta' dan l-aċċessorju, ejjew u għarrfuna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**BOTTIJIET TAL-ALUMINJU:** nitolbukom biex għal matul ix-xahar ta' Settembru u sa nofs Ottubru, ma ġġibux bottijiet fejn iċ-Ċentru imma teħduhom il-Ħadd fit-tankijiet li hemm maġenb il-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta. Il-bottijiet mitlubin tgħaffġuhom sabiex ma jeħdux ħafna wisa'.

**TVS:** Il-parroċċa m'għadhiex tiġbor televixins għar-riċiklaġġ. Għalhekk nitolbukom biex ma tħallux televixins fejn iċ-Ċentru għax kull darba qed ikollna neħduhom il-Wasteserve.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am